**8 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Anthony Grima

*versus*

Giovanni Grima

## Bord Għall-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` - Rikuża taċ-*Chairman* - Min jiddeċidi Kwistjoni bħal din

*Skond l-artikolu 5 (6) ta' l-Att VII ta' l-1967 (Kap. 199) kull kwistjoni li tirregola dwar jew in konnessjoni ma' xi raġuni ta' rikuża jew astensjoni għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman *tal-Bord. Dan irid bilfors jiġi nterpretat fis-sens illi l-membri tekniċi tal-Bord ma jista' jkollhom l-ebda parti fil-proċess deċiżjonali f'materja ta' rikuża jew astensjoni, tkun xi tkun. Dan sal-punt li anke jekk tali materja tkun tirrigwarda biss lill-membri tekniċi jew xi wieħed minnhom, xorta l-membru jew membri interessati bl-ebda mod ma jistgħu jiddeċidu dwar jekk kinux intitolati li, skond il-liġi tal-proċedura, jastjenu jew jekk kellhomx jaċċettaw ir-rikuża mitluba. Il-membri tekniċi huma nfatti obbligati joqgħodu fuq id-deċiżjoni taċ-*Chairman *tal-Bord. Mhux biss ma jistgħux jikkontestawha, imma lanqas jistgħu jieħdu parti miegħu fid-deliberazzjoni tad-deċiżjoni tal-kwistjoni. Id-dispost espress tal-liġi fir-rigward tar-rikuża jew astensjoni hu tassattiv sal-punt li n-non-osservanza tiegħu jimporta n-nullita` tas-sentenza.*

Il-Qorti:-

L-appellant hekk ippremetta l-fatti għall-aggravji tiegħu:

"Illi permezz ta' rikors ippreżentat quddiem il-Bord għall-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` għal Għawdex u Kemmuna r-rikorrent talab illi jiġi awtorizzat jirriprendi l-pussess tar-raba` imsejjaħ "tat-Taflija" *sive* "tal-Ġnien" limiti Vittorja, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka

tomnejn, sieghajn u erba' kejliet (2 tum., 2 mon., 4 mis.), liema raba' *jinsab mikri* lill-*intimat* u dana stante li ghandu bżonn l-istess raba' ghall-użu personali tieghu kif ukoll ta' membri ohra tal-familja tieghu u ukoll sabiex jeriġi xi kostruzzjonijiet ta' natura permanenti fir-raba' imsemmi;

Illi l-intimat eċċepixa illi t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u peress illi b'rikors iehor preċedenti (Rik. Nru. 8/1980) deċiż mill-istess Bord fis-26 ta' Jannar, 1983, it-talba tar-rikorrent ghar-ripreża tal-pussess ta' l-istess raba' kienet ġiet miċhuda, l-intimat appellant issolleva bhala eċċezzjoni preliminari fil-kawża odjerna sussegwentement intavolata, l-eċċezzjoni ta' *res judicata*;

Illi peress li l-Bord fis-sentenza tieghu tal-11 ta' Mejju, 1988 injora kompletament l-eċċezzjoni ta' *res judicata* u ta l-pronunzjament tieghu fuq il-meritu biss, tant illi dan in-nuqqas serju wassal lill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell biex b'sentenza taghha tat-3 ta' Ġunju, 1991, annullat is-sentenza appellata u ordnat li l-atti kollha jintbaghtu lura lill-Bord biex ikompli jitratta u jiddeċidi r-rikors skond il-liġi;

Illi b'nota pprezentata seduta stante fil-15 ta' Jannar, 1992 u f'verbal sussegwenti, l-esponent talab ir-rikużazzjoni tal-membri kollha tal-Bord billi huma kienu ġa' esprimew l-opinjoni taghhom u qatghu definittivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet bid-deċiżjoni taghhom tal-11 ta' Mejju, 1988;

Illi b'deċiżjoni tat-8 ta' April, 1992, il-Bord ċahad it-talba tar-rikorrent ghar-rikuża taċ-*Chairman* u tal-membri tekniċi ta' l-istess Bord;

Illi l-esponenti ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalhekk qiegħed jinterponi appell minnha quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell";

L-appellant appella fuq żewġ aggravji:

"Illi l-aggravju jikkonsisti l-ewwel u qabel kollox fin-*nullita'* tad-deċiżjoni appellata għaliex ma ngħatax mill-persuna li skond il-liġi kellha tagħtiha u ċjoe' iċ-*Chairman* tal-Bord, imma mill-Bord li ma kellux is-setgħa jagħti dik id-deċiżjoni. L-artikolu 5 (6) ta' l-Att XVI ta' l-1967, Kap. 199 wara li fih jingħad li ċ-*Chairman* jew kull membru ieħor tal-Bord jista' jastjeni ruħu jew jista' jiġi rikużat minn kull waħda mill-partijiet kontendenti għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jingħad ukoll illi: "kull kwistjoni li tinqala' dwar jew in konnessjoni ma' xi raġuni ta' rikuża jew astensjoni għandha tiġi deċiża miċ-*Chairman* tal-Bord";

*Omissis*;

Inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, aggravju ieħor jikkonsisti filli l-membri tal-Bord ġa' esprimew l-opinjoni tagħhom u qatgħu definittivament il-meritu tar-rikors b'sentenza tal-Bord tal-11 ta' Mejju, 1988, liema sentenza ġiet sussegwentement annullata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju, 1991 u l-atti ġew *rinvijati lura* lill-Bord biex il-kawża tkompli tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi. Fl-umili fehma ta' l-esponenti l-Bord kien skorrett fir-raġunament tiegħu meta rritjena illi; "Inoltre qatt ma jista' jingħad li bid-deċiżjoni fil-meritu *tal-11* ta' Mejju, 1988, annullata o meno, il-Bord b'daqshekk tilef l-attribut essenzjali ta' imparzjalita' fil-konfront ta' l-intimat... Għalhekk l-

imsemmija sentenza tal-11 ta' Mejju, 1988 ġiet iddikjarata nulla b'daqshekk ma saritx ineżistenti u xorta waħda jibqa' l-fatt pero` illi l-membri tal-Bord ga` esprimew l-opinjoni tagħhom fuq il-meritu u t-tendenza hi li ladarba l-arbitri tal-Bord ikunu ġa' esprimew ruħhom b'ċertu mod b'deċiżjoni li sussegwentement tiġi annulata, huma jkunu preġudikati li jesprimu ruħhom bl-istess mod it-tieni darba biex ma jikkontradixxux lilhom infushom";

L-appellant jopponi għal dan l-aggravju illi d-diċitura tas-sentenza li verament tgħid li d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ittieħdet mill-Bord "*ma jfissirx li l-kwistjoni ma ġietx deċiża miċ-Chairman*, **kif titlob il-liġi**". L-appellant ikompli hekk; "F'dan il-każ il-leġislatur **ried** li l-kwistjoni tar-rikors tiġi deċiża *miċ-Chairman* proprju għaliex din hija pjuttost kwistjoni ta' natura legali u **għalhekk ma riedx li jħalli dubbju min għandu jiddeċidiha** (sottolinejar tal-Qorti). Ikompli pero`, b'mod li l-propożizzjoni legali ma ssegwiex. "Iżda fl-aħħar mill-aħħar, deċiżjoni bħal dik, bħalma hi deċiżjoni fuq punt ta' liġi, għalkemm deċiża miċ-*Chairman* hija essenzjalment **deċiżjoni tal-Bord u mhux taċ-*Chairman* waħdu** jew indipendentement mill-Bord. Għalhekk ma għandu wieħed jara xejn stramb u straordinarju li d-deċiżjoni tat-8 ta' April, 1992 **emenat mill-Bord bħala Bord tal-Kera**". Ammissjoni mill-ġdid - jekk qatt kien hemm bżonnha - li d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ittieħdet mill-Bord kollu u mhux miċ-*Chairman* waħdu;

Dan il-fatt imur allura espressament kontra d-dispost ta' l-artikolu 5 (6) ta' l-Att VII ta' l-1967 (il-Kap. 199) li kif fuq importat jesiġi li "kull kwistjoni li tirregola dwar jew in konnessjoni ma' xi raġuni ta' rikuża jew astensjoni għandha tiġi deċiża *miċ-Chairman* tal-Bord". Dan irid bilfors jiġi interpretat fis-sens *illi l-membri*

tekniċi tal-Bord *ma jista' jkollhom l-ebda parti fil-proċess* deċiżjonali f'materja ta' rikuża jew astensjoni, tkun xi tkun. Dan sal-punt li anke jekk tali *materja tkun tirrigwarda* biss lill-membri tekniċi jew xi wieħed minnhom, xorta l-membru jew membri interessati bl-ebda *mod ma jistgħu* jiddeċidu dwar jekk kinux intitolati, li skond il-liġi tal-proċedura, jastjenu jew jekk kellhomx jaċċettaw ir-rikuża mitluba. Il-membri tekniċi huma infatti obbligati joqgħodu fuq id-deċiżjoni taċ-*Chairman* tal-Bord. Mhux biss ma jistgħux jikkontestawha, imma lanqas jistgħu jieħdu parti miegħu fid-deliberazzjoni tad-deċiżjoni tal-kwistjoni. Id-dispost espress tal-liġi fir-rigward tar-rikuża jew astensjoni hu tassattiv sal-punt li *n-non-osservanza tiegħu jimporta n-nullita' tas-sentenza*;

L-appellant ġustament irrefera għas-sentenza *ta'* din il-Qorti tal-25 ta' Jannar, 1988 fl-ismijiet **Rosario Magri *et vs* Dr. Alfred Mifsud** (rikors Nru. 41/B/81) fejn ġie ritenut li "n-nuqqas ta' osservanza preċiża u tassattiva tal-liġi, bħal din, timporta n-nullita' tas-sentenza". Aktar reċentement dan il-punt preċiż ġie similment elaborat u deċiż fis-sentenza **Major Peter Manduca *vs* Onorevoli Imħallef Dr. Hugh Harding** (deċiż mill-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1991);

"Illi l-ġurisdizzjoni *ta' kull organu deċiżjonali mwaqqaf b'liġi* għandu l-isfera tal-poteri tal-ġudizzju tiegħu deskritti u delimitati mill-istess liġi jew mill-elementi *intrinsiċi* ta' effettivita' ta' l-ordinament ġuridiku;

Illi l-atti li jinħarġu minn Qorti inkompetenti huma espressament dikjarati nulli - artikolu 789 (1) (b) Kap. 12 u għalhekk *multo magis* hija nulla deċiżjoni li temani minn kwalsiasi persuna jew organu li m'għandhiex u mhix mogħtija l-poter li tippronunzja

ġudizzju - li huwa wieħed mill-poteri fondamentali ta' kull soċjeta`, *(kif m'għandhomx poteri fil-każ in eżami l-membri tekniċi tal-Bord)*;

*Omissis*;

Huma prudenzjali fil-liġi, li meta tribunal fil-komposizzjoni tiegħu, ikollu membri tekniċi, flimkien ma' President li jkollu kompetenza ġuridika - il-membri tekniċi jkunu hemm biex jieħdu konjizzjoni tal-fatti li jkollhom ukoll aspett tekniku u dawn jiġu esklużi milli jiddeċiedu fuq punti ta' dritt. U din hija s-sistema ta' l-Att XVI ta' l-1967 u għalhekk il-membri tekniċi huma esklużi *mid-deċiżjoni ta' punti ta' dritt, fdati lill-President li għandu* kompetenza ġuridika";

Il-Qorti allura ddikjarat nulla d-deċiżjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba` billi "deċiżjoni bħal dik ma tistax tingħata minnu (ċjoe` mill-Bord) imma mill-President jew *Chairman* biss ta' dak il-Bord". U jekk dan hu minnu fil-każ fejn il-Bord iddeċieda fuq punt ta' liġi li seta' kien diskutibbli, ċertament ma jistax ikun mod ieħor fejn il-Bord iddeċieda bħal f'dan il-każ, fuq punt ta' rikuża meta l-liġi kostituttiva tiegħu espressament teżawtora lill-membri tekniċi tiegħu u lill-Bord *qua* Bord li *jiddelibera u jiddeċidi fuq din il-materja*;

L-ewwel aggravju jirriżulta għalhekk ġustifikat u s-sentenza appellata qed tiġi dikjarata nulla u bla effett fil-liġi;

Bla preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-appellant isostni ukoll illi l-membri tal-Bord kienu ġa` esprimew l-opinjoni tagħhom u qatgħu definttivament il-meritu tar-rikors b'sentenza tagħhom

tal-11 ta' Mejju, 1988, *liema sentenza ġiet sussegwentement* annullata minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ġunju, 1991. Huma allura jsostnu illi l-Bord kif kompost kellu jirrikuża ruħu u mhux jiddeċidi mill-ġdid fuq meritu *li* dwar d-deċiżjoni tiegħu kienet ġiet annullata. Ikompli "għalhekk in pessima ipotesi l-Bord seta' jiċħad l-eċċezzjoni tar-rikuża kwantu għall-**eċċezzjoni** ta' *res judicata*, f'liema każ mhux qed jiġi kkontestat li kien hemm xi espressjoni ta' opinjoni, imma ċertament mhux għar-rigward **tal-meritu** *tar-rikors promotorju tal-ġudizzju*;

Una volta li b'din is-sentenza qed tiġi ddikjarata nulla u bla effett s-sentenza appellata, *ma jidhirx li hu l-każ li l-Qorti* tippronunzja ruħha dwar dan l-aggravju. Dan għaliex l-atti jridu jerġgħu jiġu rimessi lill-Bord biex iċ-*Chairman* tiegħu jiddelibera fuq it-talba għar-rikuża. Naturalment, *il-posizzjoni hi ulterjorment* komplikata bil-fatt ta' din is-sentenza ukoll jista' jkollha effetti u trid tiġi konsidrata miċ-*Chairman* fid-deliberazzjonijiet tiegħu, dwar din it-talba. Il-Qorti ser tillimita ruħha biex tindika illi hu meħtieġ li f'tali deliberazzjonijiet għandu jittieħed debitu konsiderazzjoni u jingħata *piż fuq* l-aħħar *ġurisprudenza* in materja ta' rikuża, speċjalment fejn si tratta ta' opinjonijiet espressi fuq kwistjoni ta' dritt u deċiżjonijiet dwarhom;

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u l-atti qed jintbagħtu lura lit-Tribunal għall-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' biex ikomplu jieħdu l-kors tagħhom u jiġu ttrattati skond il-liġi;

Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali.